MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1849/2004

**Antonio Muscat ID. No. 814431(M)**

**Vs**

**Laflafett Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450) u dan peress illi talab li tigi ddikjarata bhala xolta u mitmuma l-kuntratt ta` ordni ta` serra li huwa kien ghamel mas-socjeta` konvenuta fil-25 ta` Frar, 2003 skond Dokument AM annessa, liema ordni kien sussegwentement ikkancella u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta trodd lura lill-attur is-somma ta` erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450) rapprezentanti d-depoziti li huwa kien hallas lis-socjeta`

konvenuta ma` l-imsemmi ordni. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` ntimata ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta` konvenuta li biha wiegbet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-istess attur li talab unilateralment li jxolji l-kuntratt minghajr l-ebda raguni valida fil-ligi u fuq pretest uniku li ma kienx inhariglu l-permess ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` konvenuta tirriserva li tipprocedi kontra l-istess attur ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt u / jew ghad-danni skond il-kaz.

Sema` x-xhieda ta` l-attur.

Ra d-dokumenti esebiti fil-kawza u l-atti kollha tal-kawza.

Ra li l-konvenut ma pprezentax ruhu sabiex iressaq ix-xhieda tieghu u ma gie pprezentat l-ebda Rikors fejn jintalab li jkun hemm il-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur inkariga lis-socjeta` konvenuta biex taghmillu serra versu l-prezz ta` erbat elef u tlett mitt lira Maltin (Lm4,300) liema serra rieda fir-raba tieghu f'Wied is-Sewda, Haz-Zebbug u meta ftehmu l-attur ta lis-socjeta` konvenuta depozitu ta` erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450). Sadanittant l-attur applika ghall-permess tal-MEPA izda dan ma nharigx u ghalhekk huwa kkancella l-ordni.
Meta huwa kkancella l-ordni, s-socjeta` konvenuta nfurmat lill-attur li kien gja` nkarigat xi spejjez u l-ewwel talab li jzomm mitt lira Maltin (Lm100), mbaghad mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u mbaghad mitejn lira Maltin (Lm200) u fil-fatt ftehmu illi mill-erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450) is-socjeta` konvenuta zzomm mitejn lira Maltin (Lm200) u tirrifondi lura mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250). Sussegwentement ftehmu wkoll illi jekk is-socjeta` konvenuta jkollha xi ordni ohra ghal serra simili minn haddiehor imbaghad tirrifondih l-erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450) kollha.

Ma tressqux provi li effettivament is-socjeta` konvenuta sabet bejgh ta` serra ohra u ghalhekk f'dan ir-rigward, it-Tribunal ikollu joqghod fuq il-ftehim li lahqu l-partijiet, jigifieri li jkun hemm rifuzjoni ta` mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250).

M'hemmx ghalfejn li dan it-Tribunal ixolji l-ftehim bejn il-partijiet ta` l-appalt stante li dan kien gja` xolt qabel ma gietipprezentata l-kawza odjerna kif jirrizulta mill-provi prodotti u ghalhekk l-ewwel talba saret inutilment.

Ghar-rigward tat-tieni talba, l-attur talab rifuzjoni ta` erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450), izda fil-fatt il-ftehim kien kif gja` gie premess aktar 'il fuq u ma tressqux provi li s-socjeta` konvenuta sabet bejgh ta` xi serra ohra w allura dak li ghandu jigi rifuz lill-attur huwa l-ammont ta` mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250). Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta` l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex tirrifondi lill-attur is-somma ta` mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bl-interessi li jibdew jiddekorru mill-5 t`Ottubru, 2004 (data tal-prezentata ta` l-Avviz). L-ispejjez ikunu kwantu ghal 2/5 ghall-attur u 3/5 ghas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------